**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 292/16 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi Ab u CD izzewwgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija hamsa u tmenin (1985) mil-liema zwieg twieldu tlett itfal, ta' disgha u ghoxrin sena, wiehed u ghoxrin sena u ghoxrin sena rispettivament u li kwindi illum huma maggorenni;

Illi AB u CD sseparaw legalment minn ma' xulxin u dana in virtu ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Farrugia datat hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), kopja hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok. A Ghaldaqstant il-partijiet ilhom aktar minn erba' snin separati minn xulxin;

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni gie dikjarat mill-partijiet f'paragrafu numru hamsa (5) illi filwaqt li r-Ragel irrinunzja ghad-dritt li jircievi manteniment minghand il-mara, il-Mara iddekadiet milli tircievi manteniment minghand ir-Ragel, u kwindi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni ai termini tal-klawzola numru sebgha (7), ir-Ragel kien obbliga ruhu li jhallas manteniment ghal X u Y li fiz-zmien tas-separazzjoni kienu ghadhom minuri fis-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) kull erba' gimghat sakemm kull wahda minnhom taghlaq l-eta ta' tmintax-il sena, kif ukoll nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni, liema obbligu dejjem ottempora ruhu  mieghu r-rikorrenti. Di piu jinghad illi l-partijiet dahlu fi ftehim privat datat 13 ta' Mejju 2016 illi permezz tieghu, xi arretrati li kien ghad fadal x'jithallsu fir-rigward ta' spejjez ta' sahha u edukazzjoni ta' l-imsemmija ulied gew saldati, u l-Mara thallset ukoll somma ta' €6828 a saldu bhala manteniment inkluz spejjez medici u edukattivi tat-tfal wara li dawn ghalqu tmintax-il sena sa l-eta ta' tlieta u ghoxrin sena, dan kif jirrizulta minn kopja ta' l-imsemmija skrittura hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B. Kwindi anki minn dan l-aspett ma hemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment u spejjez ta' sahha u edukazzjoni ta' l-istess tfal;

Illi ma jezizti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li l-partijiet it-tnejn illum ghandhom il-hajja privata taghhom separata minn xulxin;

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet Salvatore Spiteri u Anna Gerada b'divorzju u dana ai termini ta' l-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2016;

Rat illi l-intimata debitament notifikata maipprezentatx risposta, izda deher id-difensur taghha ghas-seduta tal-24 ta' Novembru 2016 u ikkonferma illi l-intimata ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Settembru 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.